MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 105/1999/1

Perit Guido Vella

-vs-

Oliver Grech

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-1 ta’ Lulju 1999 u li permezz taghha l-attur ippremetta li gie nkarigat bhala perit mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol professjonali in konnessjoni ma’ bini ta’ proprjeta’ ta’ l-istess konvenut fi Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex.

L-attur esegwixxa l-inkarigu lilu moghti mill-konvenut u cioe’ billi applika ghall-permessi kollha mehtiega, fost xoghol iehor ghamel il-pjanti rikjesti ghall-bini kollu mitlub mill-konvenut u anke ghamel is-supervizjoni kollha mehtiega fuq ix-xoghlijiet kollha li saru fuq l-istess bini.

L-attur baghat il-kontijiet ghax-xoghol kollu professjonali u anke baghatlu ittra interpellatorja permezz ta' l-avukat tieghu datata 2 ta' Novembru 1997 u l-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab li l-Qorti:-

1. Tillikwida l-ammont minnu dovut lill-attur bhala hlas tas-servizzi professjonali fuq imsemmija.

2. Tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-23 ta' Awwissu 1999 (fol. 13) il-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione valoris* billi l-mertu ta' din il-kawza ma jaccedix l-elf lira Maltija (Lm1000) u ghalhekk jispetta lil din l-Onorabbli Qorti bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Inferjuri.

2. Preliminarjament ukoll illi l-azzjoni attrici tinsab preskritta bid-dekorrenza ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess hu kontestat li hu dovut xi hlas lill-attur u dan peress illi s-servizz rez ma kienx wiehed korrett tant illi l-konvenut inkorra f'hafna spejjez inutili u danni kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza.

4. Illi parti minn dawn id-danni kienu dovuti minhabba l-fatt li l-attur immarka skorrettement il-linja ta' bejn il-proprjeta' tal-konvenut u dik ta' terzi (li taghhom huwa wkoll kien il-perit) tant illi minhabba f'hekk l-esponenti ma setax jisskota bil-bini skond il-pjanta inizjalment imfassla.

5. Illi apparti dan minhabba dan l-izball l-esponenti kien kostrett jabbanduna l-pjanta inizjali tieghu ghall-bini ta' kantina.

6. Illi minhabba dan l-izball parti sostanzjali mill-platform maghmula ghall-bini tal-gar giet fil-proprjeta' tal-konvenut. Sabiex gie rimedjat in parti dan l-izball, saru xoghlijiet u modifikazzjonijiet fil-pedamenti fuq struzzjoni ta' l-istess perit li issa, huwa nnfisu qieghed jirrifjuta li jiccertifika.

7. Illi l-attur immarka hazin ukoll il-livell tat-triq.

8. Illi m'hux minnu illi l-attur ghamel xi xoghol ta' supervizjoni tal-bini tad-dar tal-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.
Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob hlas ghas-servizzi li jsostni li hu ppresta lill-konvenut u li ddeskriva bhala applikazzjoni ghall-permessi, thejjija ta' pjanti, supervizjoni fuq xogholijiet li saru fl-istess bini. Kaz li fil-fehma tal-Qorti kellu jigi rizolt f'hafna iktar zmien u mhux idum kwazi disgha (9) snin pendenti. Il-Qorti hi konvinta li bi ftit rieda tajba, bl-ghajnuna ta' l-avukati, l-partijiet messhom waslu ghal ftehim bonarju. Bizzejjed jinghad li l-attur xehed permezz ta' affidavit (fol. 19), 8 ta' Novembru 2002 (kontroezami – fol. 73), 7 ta' Ottubru 2003 (minn jeddu – fol. 106), affidavit (fol. 136), 12 ta' Mejju 2006 (kontroezami – fol. 180), 6 ta' Ottubru 2006 (kontroezami – fol. 196), 7 ta' Novembru 2007 (kontroezami).

2. Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenut qieghed isostni li din il-Qorti m'ghandix kompetenza *ratione valoris*. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fit-22 ta' Frar

2008, il-konvenut irrinunzja ghal din l-eccezzjoni. F'kull kaz, *"hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha, u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha"* ("**Francis Refalo nomine –vs- Jason Azzopardi et**", Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Ottubru 1997). M'huwiex kontestat li c-citazzjoni ma ssemmi l-ebda valur determinat u skond l-Artikolu 747(1) tal-Kap. 12, *"il-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata"*. Min-naha l-ohra l-valur hu determinat mit-talba meta *"t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata"* (Artikolu 748 tal-Kap. 12).

3. Permezz tat-tieni eccezzjoni, il-konvenut qieghed isostni li l-azzjoni ta' l-atturi hi preskritta b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16). F'paragrafu (c) ta' dan il-provvediment hemm inkluz azzjonijiet ta' *"arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu"*. Il-perjodu hu ta' sentejn. Fil-kawza **Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[1] fis-16 ta' Gunju 1994:- *"**il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li <u>l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv</u>**. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju".* Hekk ukoll fil-kawza **Guido J. Vella vs Dr. Emanuel Cefai** deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Ottubru 2001, gie osservat li fir-rigward ta' din l-eccezzjoni *"min jaghtiha kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u **cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv**. **Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni**. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio"*. Il-Qorti

[1] Imhallef Philip Sciberras.

kompliet tghid li kien ***"....jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv** u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni"* (enfazi tal-Qorti).

Wiehed ma jridx jinsa li *f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima* (**Prof. Anthony J. Mamo ne vs Nutar Emmanuele Agius** deciza fil-25 ta' Novembru 1957 mill-Qorti ta' l- Appell – Volum XLI.i.546).

Fil-fehma tal-Qorti ghal finijiet ta' din l-eccezzjoni hu rilevanti jekk l-inkarigu moghti lill-attur kienx limitat li jhejji l-pjanti u jassisti lill-konvenut fl-ottjeniment tal-permess ghall-bini jew kienx ukoll jinkludi s-sorveljanza. Filwaqt li l-attur isostni li l-inkarigu kien jinkludi supervizjoni, il-konvenut jikkontesta din l-asserzjoni (eccezzjoni numru tmienja, fol. 14). Mill-provi li tressqu, il-Qorti hi tal-fehma li l-inkarigu tal-perit kien jinkludi supervizjoni, u dan irrispettivament jekk sarx jew le.  Konkluzjoni li l-Qorti waslet ghaliha mill-fatt li:-

(a) L-attur kien l-uniku perit inkarigat fl-izvilupp li ghamel il-konvenut.

(b) F'ittra datata 24 ta' Jannar 1995 li l-attur baghat ghan-nom tal-konvenut lill-bank A.P.S. (fejn jahdem il-konvenut)[2], filwaqt li ta stima tal-ispejjez ikkonferma li *"I have been engaged by Mr Oliver Grech, one of your staff, to **supervise the erection and finishing of a dwelling house and garage at Plot. No. 127, George Borg Oliver Street, Victoria, Gozo**"* (enfazi tal-Qorti). Dokument li gie pprezentat ukoll mill-konvenut u fl-ebda stadju tal-proceduri ma kkontesta l-kontenut tieghu.

(c) Fit-30 ta' Marzu 1998 intbaghatet fax lill-attur mill-avukat ta' fiducja tal-konvenut (fol. 54) fejn inghad li *"kellemni Oliver Grech dwar ix-xoghol li fi Triq Gorg*

[2] Fol. 90.

*Olivier, Victoria, Ghawdex u gharrafni li nhar il-Erbgha 1 ta' April 1998 filghodu Richard Ellis inkariga xi haddiema sabiex jaghmlu xi xogholijiet bejn il-proprjetajiet in kwistjoni. Ghadn ma ghandi ebda taghrif min ser jaghmel ix-xoghol jew jekk hemmx xi perit inkarigat minnu. Nahseb li ahjar taghti daqqa t'ghajn"*. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-konvenut, il-Qorti qeghda tifhem li ntbaghatet din il-komunika proprju ghaliex l-inkarigu tal-attur kien imur oltre t-thejjija ta' pjanti u assistenza fil-hrug tal-permess tal-bini. Dan id-dokument jikkontradici dak li qal il-konvenut li *"**wara t-tibdil li sar fil-pjanta tal-bini tal-plot tieghi mill-perit Vella, qatt ma tlabt iktar l-assistenza tieghu**. **L-inqas il-bini la sar taht is-sorveljanza tieghu u l-inqas qatt kellimtu dwaru**. Il-perit gie involut minn Ellis meta inholqot kwestjoni bejnietna dwar platform. Kull meta indahal il-perit kien biss in konnessjoni ma din il-kwestjoni u zgur li mhux bhala l-Perit tieghi izda bhala l-Perit ta' Ellis"* (fol. 60). Jekk dan kien il-kaz wiehed ma jistax jifhem kif permezz tal-fax fuq imsemmija, l-attur kien qieghed jintalab sabiex jaghti l-assistenza tieghu. Fax li ntbaghatet fl-interess tal-konvenut mill-avukat ta' fiducja tieghu (li hu meqjus bhala l-mandatarju tieghu). Certament li din il-fax ma gietx mibghuta lill-attur bhala perit ta' Richard Ellis in kwantu fiha jinghad li l-avukat ta' fiducja tal-konvenut ma kienx jaf min kien il-perit li gie nkarigat minn Richard Ellis. Dokument li jikkonferma li l-konvenut kien ghad ghandu fiducja fl-attur minkejja li kien irrifjuta li jhallsu.

(d) Kien hemm drabi meta l-partijiet iltaqghu wkoll fuq il-post (ara wkoll xhieda li ta l-konvenut fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2005 [fol. 158]). L-attur sahansitra ta dettalji dwar id-dati meta kien jiltaqa' mal-konvenut biex jiddiskuti x-xoghol[3] u li l-konvenut jidher li ma kkontestax. Laqghat li jirrizulta li saru anke wara li hareg it-tieni permess datat 11 ta' Lulju 1995 (fol. 45).

(e) Jekk l-attur kien responsabbli biss ghat-thejjija tal-pjanti u assistenza fil-hrug tal-permess tal-bini, wiehed ma jifhimx kif il-konvenut kien qieghed izommu responsabbli ghad-danni u nteressi *"...minhabba esekuzzjoni grossolanament skorretta* ***tal-inkarigu u l-***

[3] Ara nota tal-attur a fol. 80-83.

***obbligi professjonali tieghek”*** (enfazi tal-Qorti - ara ittra datata 13 ta’ Novembru 1997 a fol. 67). Il-Qorti qeghda tifhem li r-riferenza hi ghal dak li jikkoncerna r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, u mhux bejn l-attur u terzi. Minn dan id-dokument jidher li l-inkarigu tal-attur kien imur lil hinn mit-thejjija tal-pjanti u applikazzjoni ghall-hrug ta’ permess.

(f) Jidher li l-konvenut baqa’ jinqeda bis-servizzi tal-attur. Hekk per ezempju l-attur xehed li fit-30 ta’ Awwissu 1996 *“l-gharusa tal-konvenut gabitli pjanta mill-Land Registry (Dok. G20) sabiex fuqha nimmarka il-plot tal-konvenut ghal skop ta’ registrazzjoni. Jiena kejjilt u lestejt din il-pjanta, u l-konvenut ghadu sal-lum ma gabarx din il-pjanta minghandi”* (fol. 21). Min-naha tieghu l-konvenut ma cahadx dan (ara xhieda in kontro-ezami – fol. 158).

Mill-atti processwali l-Qorti m’hijiex moralment konvinta li l-konvenut irnexxielu jaghti prova li ma baqax juza s-servizzi tal-attur *“mill-bidu tal-1995”* (fol. 60). Lanqas ma rnexxielu jaghti prova minn meta t-terminu ta’ sentejn impost mill-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili beda jiddekorri. L-affidavit li ghamel l-attur (fol. 19-22) u n-nota li pprezenta fis-7 ta’ Ottubru 2003 fihom hafna dettalji (inkluz dati) tax-xoghol li ghamel l-attur, u fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma rnexxilux jirribattihom. Ghalkemm hu minnu li fil-31 ta’ Ottubru 1996 l-attur baghat kont lill-konvenut (fol. 63) li jaqra hekk:-

*“To Professional services rendered in the design of plans applications to the Planning Authority and issue of permits for the erection of dwelling and garage at Borg Oliver Street, Vict. Valuation for Bank valued over Lm16000. Application for vat letter and plans to lands Dept.*

| | |
|---|---|
| *Professional fees* | *Lm320* |
| *Vat* | *43* |
| | *Lm368* |

| | |
|---|---|
| *Measurement and issue of* | |
| *Bill 5th November 94* | *17* |

*Lm385".*

dan id-dokument ma jistax jitqies li fih innifsu hu xi prova rribattibbli li l-inkarigu tal-attur kien biss sabiex ihejji l-pjanti u japplika ghall-permessi tal-bini. L-atti juru li l-attur ghamel hafna iktar minn hekk, u anke struzzjonijiet ta lill-attur. Hu minnu li mill-provi rrizulta li bhala xoghol ta' bini dan kien lest sal-ahhar tas-sena 1995. Fil-fatt il-konvenutipprezenta l-kejl tas-surveyor Saviour Bonello (fol. 218-227) u minnu jirrizulta li l-ahhar kejl ittiehed fit-30 ta' Novembru 1995, pero' l-Qorti hi tal-fehma li l-inkarigu lill-attur kien wiehed u mhux jitqassam f'servizzi differenti. Il-Qorti qeghda tifhem li f-ftehim kien li l-attur ikun il-perit tal-konvenut mill-bidu (cjoe' bit-thejjija tad-disinni) sat-tmiem (il-finishing). Il-kwistjoni li kien hemm ma' Richard Ellis kienet ukoll tittratta dwar il-proprjeta' tal-konvenut u sa dak l-istadju l-attur kien ghadu qieghed jaghti s-servizzi tieghu lill-konvenut. Hekk per ezempju rrizulta li fit-30 ta' Novembru 1996 l-attur kien iddiskuta fuq il-post ma' Peter Sciberras *"fuq il-problema tal-ilma tal-bitha li ried johrog ghat-triq bil-pendil u skond is-sengha"* (fol. 82). Dan apparti l-fatt li l-konvenut baqa' ghal kollox sieket u ma kkummentax ghad-dikjarazzjoni li ghamel l-attur fin-nota li pprezenta fis-7 ta' Ottubru 2003 (fol. 80-83) waqt li kien qieghed jixhed, fis-sens li *"4.11.98 Kellem lill-konvenut fuq it-telephone fejn dan qallu li kien ser ihallas meta tinqata' l-kwistjoni ma' Ellis"* (fol. 83).

Fic-cirkostani l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

4. Ghal dak li hu mertu, hu fatt li din hi kwistjoni ta' natura teknika. Pero' meqjus il-provi li hemm fl-atti, is-snin twal li ilhom pendenti dawn il-proceduri, u l-ispejjez involuti sabiex f'dan l-istadju ssir perizja teknika, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida l-kumpens dovut lill-attur ghas-servizzi minnu rezi fuq dak li jirrizulta mill-atti. Il-konvenut jippretendi li ebda hlas mhu dovut lill-attur ghaliex is-servizz moghti dahhlu f'hafna spejjez u danni bla bzonn. L-ilment tal-konvenut jidher li hu dwar il-kwistjoni li kellu ma' Richard Ellis meta dan ta l-ahhar invada parti mill-

proprjeta' tal-konvenut. Pero' l-Qorti m'hijiex sodisfatta li mill-provi li tressqu l-konvenut irnexxielu juri li kien hemm xi inadempjenza min-naha tal-attur fil-qadi tad-dmirijiet professjonali. Jekk kif qal il-konvenut l-attur kien ghamel zball b'mod *"...li bil-platform kif giet mibnija jiena ma stajtx iktar naghmel il-kantina ghaliex il-platform kienet tigi sporguta l-barra ghal go l-art tieghi u kont ser naghmel hsara lill-bini tal-gar"* (fol. 59), il-Qorti ma tifhimx kif f'dak l-istadju ma waqqaflux l-inkarigu u fittex l-assistenza ta' perit iehor. Anzi talli fil-kwistjoni li kellu ma' Richard Ellis talab l-intervent tal-attur, kif wara kollox tikkonferma l-fax li ntbaghatet mill-avukat ta' fiducja tal-istess konvenut (fol. 54). M'huwiex verosimili li l-konvenut kien ser jibqa' juri fiducja fl-attur li kieku verament l-attur ha zball li wassal biex il-konvenut jitlef sular fl-izvilupp li ghamel. Min-naha tieghu l-attur ikkontesta l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut u xehed hekk: *"Mistoqsi jekk hux minnu li l-kantina kellha tigi eliminata billi l-linja tal-plot adjacenti li kienet ta' Ellis kienet tidhol ghal go l-art tal-konvenut, nghid illi le. Jiena neskludi illi r-raguni kienet dik....."* (fol. 74). F'tali cirkostanzi l-Qorti tqies li m'hemmx lok li tabbracja t-tezi tal-konvenut.

5. Il-hlas lill-perit hu regolat permezz ta' Tariffa K (Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12). Ghal dak li hu ***"disinji u fabrikazzjoni ta' bini"***, il-perit hu ntitolat ghal 6% ta' l-ispiza *"ghat-tehid ta' istruzzjonijiet tal-klijent, preparazzjonijiet ta' skizzijiet ta' disinji, ghemil ta' stimi approssimattivi ta' l-ispiza b'qis kubu jew xort'ohra, ghas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ghall-bini u/jew licenzi ohra, preparazzjoni ta' disinji u specifikazzjonijiet ta' xoghol, ghoti ta' sorveljanza generali, hrug ta' certifikati ta' hlas u certifikati ta' kontijiet, id-dritt dwar xoghlijiet godda......"*. It-tarriffa stess tghid li din it-tarriffa ma tkoprix sorveljanza kontinwa, imma dik li hi mehtiega ghal finijiet ta' sorveljanza tal-perit. M'hemmx dubju li r-responsabbilta' jrid jerfaghha l-perit inkarigat mill-progett. Hu l-oneru tieghu li jara li x-xoghol isir skond skond id-disinn li jkun gie approvat. Kif rajna, skond id-dikjarazjoni rilaxxata mill-attur fl-24 ta' Jannar 1995 (fol. 90) kellu jiehu hsieb *"to supervise the* ***erection and finishing*** *of a*

*dwelling house and garage at plot no. 127, George Borg Olivier Street, Victoria, Gozo”*. L-attur qieghed jippretendi hlas ta’ tlett elef hames mija u sitta u tletin euro u sebghin centezmu (€3,563.70) ekwivalenti ghal elf hames mija u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm1,530.14) f’liema ammont hemm talba ghall hlas ta’ dritt professjonali fuq kostruzzjoni, dritt professjonali fuq tlestija u servizzi ohra u spejjez. Mill-provi ma rrizultax li l-attur kien involut fil-finishing li sar fil-fond, kif wara kollox ikkonferma hu stes (seduta tas-7 ta’ Novembru 2007). Il-Qorti m’hijiex sodisfatta li l-partijiet ressqu xi prova fis-sens li kien xi wiehed minnhom abbanduna lill-iehor, u ma tarax li ghandu jithallas taghhom. Dan apparti l-fatt li l-Qorti m’hijiex konvinta li xoghol bhal *“laying of floor tiles on all floors”* jaqa’ taht paragrafu 10 tat-Tarriffa K.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-attur ghamel elenku ta’ xogholijiet b’kalkoli approssimattivi, li saru u li taghhom ghandu dritt li jtihallas. Qal li qieghed jaghmel hekk ghaliex *“l-konvenut baqa ma pprezentax il-kontijiet kollha”*. B’kull rispett lejn l-attur, dan ma kienx l-uniku mezz kif setghet issir tali prova u f’kull kaz ma jirrizultax jekk dawk ir-rati humiex tal-lum jew ta’ meta sar ix-xoghol. Wara li l-Qorti rat id-dokumenti a fol. 90 u 218-227, ser tikkalkola l-hlas dovut fuq spiza ta’ tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) li jfisser kumpens ta’ elf sitt mija u sebgha u sebghin euro u hmistax-il centezmu (€1,677.15) ekwivalenti ghal sebgha mija u tmenin lira Maltija (Lm720) u maghha zzid is-somma ta’ mija u sittax il-euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46) ekwivalenti ghal hamsin lira Maltija (Lm50) ghal xogholijiet ohra ancillari li ghamel l-attur u li ma jaqghux taht il-paragrafu 10 ta’ Tariffa K.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha:-

1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet tal-attur fis-sens:-

(a) Tillikwida l-ammont dovut lill-attur ghas-servizzi moghtija lill-konvenut fl-ammont ta' elf sebgha mija u tlieta u disghajn euro u wiehed u sittin centezmu (€1,793.61) ekwivalenti ghas-somma ta' sebgha mija u sebghin lira Maltija (Lm770).

(b) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf sebgha mija u tlieta u disghajn euro u wiehed u sittin centezmu (€1,793.61) ekwivalenti ghas-somma ta' sebgha mija u sebghin lira Maltija (Lm770).

Bl-imghax mil-lum u spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------